**Stenbaħt**

Stenbaħt minn ħolma
Li ma nafx x'inhi,
Ħolma ta' dieqa
Il-ħajja li hi.

Lil hinn mill-qrusa
Hemm dawl kbir etern,
Meta nħarsu lejh
Sliem jkollna fl-intern.

Ejjew inħarsu
Lejn dad-dawl għażiż,
Illi jeħlisna
Mill-ħażen w t-tinġiż.

Tibżax jekk tbati
Għax timxi sewwa,
Ftakar li miegħek
Kristu fid-dnewwa.

Ħallik mill-biża'
U mill-qtiegħ il-qalb,
Ħares lejn Ġesù
U żid dak it-talb.

Ħallieh il-baħar
Ħa jħabbat salvaġġ,
Kun int fl-Ispirtu
Li jagħtik ir-raġġ.

Inħares Mulej
Lejk u kemm tfarraġt,
Se nerġa' norqod
Anki jekk stenbaħt.

Patri Mario Attard OFM Cap
3 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.